

# It-trasport għall-Gudja permezz tar-rotta fuq il-linja Gudja-Għaxaq

**Robert Cassar**
M.A.(History of Art);B.Cons.(Hons.);B.A.(Hons.)

Sas-sena 1973, ir-rotot tal-linja għall-bliet u l-irħula tagħna kienu servuti permezz ta' karozzi magħrufa bħala tal-linja li kienu miżbugħa bi sbatax-il kulur jew kombinazzjoni ta' kuluri, kull wieħed skont ir-rotta li fuqha kienet taħdem. L-iskop kien li minbarra li s-sistema tkun aktar faċli għall-passiġġieri sabiex jagħrfu waħda minn oħra fit-triq, kull rotta kienet tkun qisa kumpanija ċkejkna b'numru magħluq ta' karozzi tal-linja li kien ikun stabbilit mill-gvern u ma setax jinbidel. Din kienet forma ta' kontroll mill-awtoritajiet fejn il-karozzi tal-linja jew kif kienu magħrufa aħjar, ix-xarabanks, ma setgħux jintużaw fuq rotot oħra għajr fuq dik li suppost jaħdmu fuqha u skont dawk il-kuluri li kienu jġorru.

Minbarra grupp żgħir ta' xarabanks li kienu jaħdmu bejn San Ġiljan u Birkirkara, ir-rotta Gudja-Għaxaq kienet fost dawk li kellha l-inqas vetturi jaħdmu fuqha. L-aktar li kienu jaħdmu fuqha kienet dik ta' Tas-Sliema. Ir-rotta skont kif stabbilita fl-1955-57, kellu jkollha ħames vetturi u dawn kellhom ikunu miżbugħa b'lewn ċelesti n-naħa ta' isfel, faxxa krema ċar wisa' ta' erba' pulzieri u l-bqija sas-saqaf abjad. Fl-1973, dan il-grupp ġie amalgamat fi Grupp A u x-xarabanks ġew miżbugħa oranġjo bis-saqaf abjad, kulur li qabel kien riservat għall-vetturi li kienu jaħdmu fuq ir-rotta taż-Żurrieq. Ir-rotta għall-Gudja bdiet tkun servuta bir-rotta numru 8 (Valletta-Gudja via Għaxaq) fejn ir-rotot bdew jintgħarfu minn numri tal-karti li kienu jitqiegħdu mal-ħġieġa ta' quddiem.

Bejn is-snin 1955 u 1973, kien hemm b'kollox sitt numri li ħadmu fuq ir-rotta ta' Gudja-Għaxaq xi darba jew oħra. Dawn kienu s-17, 140, 2845, 3290, 4757 u 5291. Fuq dawn in-numri naraw diversi vetturi li ħadmu matul is-snin u li lkoll kellhom storja interessanti. Ilkoll kienu miżmuma fl-aqwa tagħhom mis-sidien privati li aktarx kienu residenti miż-żewġ irħula li kienu jaħdmu fuqhom. Tajjeb ngħidu li l-passiġġieri miż-żewġ irħula kienu jkunu draw ix-xufier li ħafna drabi kien ikun is-sid tax-xarabank kif ukoll l-għamla ta' kull trakk li kien jaħdem fuq din ir-rotta. Ħafna drabi minbarra l-laqam tas-sid tat-trakk jew ix-xufier, kienu anke jagħtu xi laqam partikulari lil xi trakk sabiħ li jkollu għamla li tispikka fuq oħrajn. Il-fatt li kien hawn ammont daqshekk żgħir kien jagħmel dan is-servizz aktar pjaċevoli u familjari kważi tħossok li ġa wasalt fir-raħal tiegħek hekk kif tirkeb ix-xarabank miżbugħ bil-kuluri tar-raħal fejn toqgħod. Fil-passat, fil-Belt kien hemm żewġ stazzjonijiet jew venda tal-linja. Waħda kienet madwar il-funtana tat-Tritoni jew aħjar *Putirjal* u l-oħra kienet quddiem il-Berġa ta' Kastilja, dak iż-żmien użata mill-militar Ingliż. Ir-rotta Gudja-Għaxaq kienet tieqaf u titlaq minn dan l-istazzjon tal-aħħar. Magħha kien hemm rotot oħrajn fosthom dawk ta' Ħaż-Żabbar, Iż-Żejtun, Kalafrana, Mosta, Naxxar-Għargħur, Il-Mellieħa u Ħal Lija-Balzan-H'Attard. Ix-xarabanks tal-Gudja kellhom posthom man-naħa tas-sur faċċata tal-Berġa fuq in-naħa l-aktar qrib il-bini llum użat mill-Bank Ċentrali. Ir-rotta kienet titlaq mill-Belt, tgħaddi għall-Marsa, titla' maġenb iċ-ċimiterju tal-Addolorata, tgħaddi minn maġenb Ħal Luqa u tgħaddi minn ġol-Gudja. Ir-rotta kienet tispiċċa triqitha Ħal Għaxaq. Wara l-1973, ir-rotta 8 bdiet tieqaf il-Gudja wara l-knisja parrokkjali u kemm tgħaddi minn Ħal Għaxaq. Din ir-rotta kienet anke tipprovdi s-servizz għall-Bormla diretatment mill-Gudja.

### Ix-xarabanks li ħadmu fuq ir-rotta Gudja-Għaxaq

Is-**17** – Minn dokument antik datat April 1938, din il-liċenzja kienet fuq xarabank bil-marka Ford. Dan inbidel ma' wieħed mixtri minn Gasan mibni fuq qafas *(chasis)* ta' trakk Ford V8 fi Frar 1939. Dan inbigħ minn Gasan u reġa' nbena fuq l-istess qafas minn Carmel Borg mill-Ħamrun u tlesta f'April 1947 b'kapaċità li jpoġġu fih 32 ruħ. Dan kien jaħdem fuq Birkirkara u mbagħad fuq ir-rotta tal-Mosta u kien biss fit-18 ta' April 1957 li x-xarabank bin-numru 17 sab ruħu jaħdem fuq Gudja-Għaxaq. Ftit wara, proprju fl-1963, dan inbidel ma' trakk iktar modern peress li nstab il-qafas ma kienx għadu daqshekk b'saħħtu. Dan il-mudell ġdid kien inxtara minn Spiteri Service Station tal-Ħamrun u nbena minn George Schembri ta' Ħal Tarxien fuq qafas tal-għamla Bedford SLD. Il-postijiet bilqiegħda kienu ta' 36 u kellu wkoll magna tat-tip Perkins.

Dan ix-xarabank beda jaħdem fuq ir-rotta Gudja-Għaxaq wara li ngħata l-awtorizzazzjoni li joħroġ fit-triq f'Marzu 1963. Dan kellu għamla tipika ta' xarabank Malti tas-snin 60 bix-xibka tat-tip Ingliż

Bedford SB. Dan kien ċertu Bugeja mlaqqam tal-Ostji minn Ħal Għaxaq stess. Dan it-trakk spiċċa l-istorja tiegħu f'Ottubru tal-2000 bin-numru tal-liċenzja DBY301 li nbidel ma' xarabank Ingliż tat-tip AEC Swift li aktar qabel kien użat mill-armata. Il-Bedford jidher li kien ġie skrapjat ftit wara.



Il-140 li kien xarabank sabiħ ħafna li kien tal-aħwa Dimech minn Ħal Għaxaq magħrufa Ta' Massi

Il-**140** – Ix-xarabank oriġinali b'din il-liċenzja kien mibni minn Aquilina fl-1934 fuq qafas tad-ditta Dodge Brothers. Din kienet l-ewwel taħdem Għawdex imbagħad fuq il-linja Privata. Kien f'Marzu tal-198 li din il-liċenzja tpartet ma' dik ta' 3120 u b'hekk il-140 beda jaħdem fuq Gudja-Għaxaq. Fit-3 ta' Marzu 1943, dan ix-xarabank inħaraq u reġa' nbena u tlesta fuq l-istess qafas f'Ġunju 1943. F'Ġunju 1952, dan ix-xarabank antik inbidel ma' mudell ġdid tat-tip Thames ET7 li nbigħ ftit wara sabiex beda jaħdem fuq ir-rotta ta' Ħaż-Żebbuġ bin-numru 2922.

Sadanittant, is-sid tal-liċenzja 140 li baqa' jaħdem fuq Gudja-Għaxaq xtara trakk ieħor tat-tip Ford 5-ton 157 magħruf aħjar Thames ET7 bħalma kellu qabel. Dan inxtara mingħand l-aġent Gasan u nbena l-Imqabba minn Joseph Xuereb bi 32 post bilqiegħda u b'magna Perkins diesel. Dan tlesta f'Ġunju 1952. Dan ix-xarabank kien partikolari għall-fatt li għalkemm bħat-tip tiegħu kien hawn ħafna, dan kien l-unika wieħed li fuq quddiem kellu erba' fanali flok tnejn. Dan baqa' jaħdem fuq din il-linja sa April 1967 meta dan inbidel ma' trakk ġdid u t-Thames beda jaħdem bil-liċenzja numru 2735.

Dan ix-xarabank ġdid inbena kollu kemm hu Malta. Fil-fatt il-qafas inbena f'Awwissu fl-1966 minn Lawrence Zammit ta' Ħaż-Żebbuġ. Inbena u tlesta f'April tal-1967 minn Michael Barbara ta' Ħal Luqa b'magna Perkins u 36 post bilqiegħda. Dan it-trakk għandu għamla mill-isbaħ b'disinn magħruf Malta bħala tal-Opel li kien ispirat kemm minn karozzi Amerikani bħal Chevrolet Impala kif ukoll elementi mill-karozzi tat-tip Opel Rekord u Kapitaen. Dan it-trakk kien fl-aqwa tiegħu meta kien miżbugħ bil-kuluri ta' Gudja-Għaxaq li kienu jixirqulu ħafna. Dan kien tal-aħwa Dimech, it-tfal ta' Ġann Mari Dimech minn Ħal Għaxaq magħruf bħala Ta' Massi[1]. Kien isuqu wieħed minnhom, Carmelo Dimech. Dan ix-xarabank baqa' jaħdem sat-2 ta' Lulju 2011 u spiċċa bin-numru tal-liċenzja DBY309.



It-2845 meta nbidel ma' dan it-Thames ET7 li kien ta' għamla vera sabiħa jidher fil-kampanja Għaxqija għal bosta snin u li kien misjuq minn Rafel Caruana, It-Trapulin

It-**2845** – Din il-liċenzja kellha jaħdmu fuqha mill-inqas żewġ mudelli differenti fuqha li ħadmu fir-rotta Gudja-Għaxaq. L-eqdem jidher li kien imur lura għas-snin tletin b'xarabank mibni fuq qafas ta' Reo Speedwagon tal-1935. Dan inbidel f'Mejju tal-1953 meta nbniet karozza tal-linja ġdida tat-tip Ford Thames ET7 minn Michael Barbara ta' Ħal Luqa. Din kellha magna Perkins u b'36 post bilqiegħda.

It-**3290** – Ix-xarabank oriġinali li kien jaħdem fuq Gudja-Għaxaq kien tal-għamla Ford V8 tal-1935 u aktarx kien mibni minn Gasan. Ftit nafu fuq l-istorja ta' dan it-trakk għalkemm jidher li kien inbidel meta sar wieħed ġdid f'April 1968. Dan inbena fuq qafas ta' trakk tip Ingliż AEC Mercury minn Barbara ta' Ħal Luqa bid-disinn magħruf bħala "bulldog" b'xibka maħduma lokalment. Dan kellu niċċa partikolari mal-kabina tax-xufier li barra li kien fiha statwa tas-Sagra Familja, kellu wkoll pittura fuq il-ħġieġ li turi l-Matador Spanjol fi ġlieda mal-barri. Dan kien ta' Abela u fl-1987 kien inxtara minn ibnu Reno Abela. Dan ix-xarabank baqa' wieħed mis-sbieħ fuq it-triq sakemm spiċċa mis-servizz f'Luqa 2011 bin-numru FBY725.

L-**4757** – Din kienet karozza tal-linja li ħadmet fuq din ir-rotta. Kienet inbniet minn Tonna fid-Dockyard



4757 fl-amla tipika ta' Bedford SB

fl-1974 f'għamla tipika ta' xarabank Malti tat-tip Bedford SB li tiegħu kienet iġġib ix-xibka quddiem. Dan it-trakk jidher li baqa' jaħdem sewwa lejn l-aħħar tas-snin 2000 bin-numru FBY792 meta kien inbidel ma' xarabank aktar modern tat-tip Leyland Lynx.



*Id-Diamond 5291*

Il-**5291** – Dan ix-xarabank ftit li xejn nafu dwaru għajr li ħadem għal xi żmien fuq din il-linja ta' Gudja-Għaxaq u jidher f'kartolina antika bil-kuluri ta' din ir-rotta u f'ritratt ieħor antik. Dan kien mibni minn Schembri ta' Ħal Tarxien fuq trakk Amerikan tat-tip Diamond. Jista' jkun li dan kien oriġinalment bil-magna barra però jidher li f'xi żmien tkabbar u l-magna ġiet fuq ġewwa għalkemm ix-xibka oriġinali tan-nikel tad-Diamond tħalliet tidher. Dan kellu disinn mill-aktar sempliċi u utilitarju għalkemm maż-żmien tneħħiet ix-xibka Diamond u ġie armat bix-xibka tal-Bedford SB.

Din hija l-istorja tat-trasport ewlieni li kienet jgħaqqad l-irħula ta' Ħal Għaxaq, il-Gudja u Ħal Luqa mal-Belt u ħafna postijiet oħra. Ifakkarna fi żminijiet aktar kalmi minn tal-lum fejn iż-żmien tal-vjaġġ kien forsi wieħed aktar trankwill minn tal-lum għalkemm mimli b'dawk iċ-ċirkustanzi li forsi anke jqanqlu nostalġija bħaċ-ċekċik tal-ħġieġ tax-xarabank ma' kull skoss li jsib, ix-xufier u l-kunduttur li forsi kienu jkunu uċuh familjari, it-toroq bla traffiku u x-xenarju tul il-vjaġġ fejn għajnejk kienu jistrieħu fuq il-pajsaġġ u l-għelieqi għerija mill-bini tal-lum. Kif dlonk taraha riesqa l-knisja parrokkjali tar-raħal, kont qisek tistrieħ u tifraħ li fl-aħħar wasalt lura għall-ġabra ta' darek 'il bogħod mill-kummerċ u l-ħajja kemxejn mgħaġġla tal-Belt ta' dak iż-żmien.

**Referenza**

[1] Dan kien xtara x-xarabank imlaqqam "tal-lumija" bin-numri 3674 li kien spiċċa mis-servizz fl-2002 bin-numru FBY788.

**Nota tal-awtur**

Trakk, xarabank jew karozza tal-linja kollha jirreferu għall-istess ħaġa, bl-Ingliż *bus* u li hija vettura mekkanizzata fuq ir-roti li ġġorr il-passiġġieri fuq rotot speċifikati.


# GARDEN CENTRE ŻEJTUN

**Prop J. Zahra**



Għal kull tip ta' ikel u vitamini
għal kull xorta ta' annimali
Sustanzi u bexx għall-għalqa u l-pjanti
Pots tal-fuħħar, tal-plastic u tal-qasab
Pjanti ta' l-Italja, żerriegħa eċċ.
Ikollna wkoll kull tip ta' xtieli ta'
ħxejjex ta' l-ikel u aromatiċi
Siġar tal-frott
Jimporta pjanti mill-Italja

**Tel: 2180 2293**
**Triq il-President Anton Buttigieg, Żejtun**

**Il-Proprjetarju jixtieq il-Festa t-Tajba lill-Għaxqin kollha**